# It-trasformazzjoni tar-realtà fiżika f'metafora tar-ruħ umana f'*Samuraj* ta' Frans Sammut

*Stephen Bonanno*

Il-Kritika Letterarja

Li fil-letteratura Maltija r-rumanz ma rnexxilux jilħaq il-qċaċet li laħqet il-poeżija b'ċerta konsistenza hija verità li għalkemm tinħass minn bosta, tingħad jew tinkiteb ftit li xejn. Imqiegħed f'qafas Ewropew il-ġeneru tar-rumanz Malti ma jinħassx biss lura kemm teknikament kif ukoll tematikament,[1] iżda saħansitra xott minn xogħlijiet ta' kwalità li wieħed jista' jsib fost l-aqwa poeti Maltin. Waħda mill-kawżiet ewlenin li xekklet l-iżvilupp tar-rumanz Malti hi dik li ironikament għadha titqies minn diversi kritiċi u kummentaturi lokali bħala kriterju essenzjali għal letteratura valida, jiġifieri t-tip ta' relazzjoni li l-awtur għandu jistabbilixxi mar-realtà ta' madwaru.

Il-ħerqa xi mindaqqiet ossessiva biex jintwera impenn politiku kkondizzjonat mhux ftit lill-kittieba Maltin tan-narrattiva. Id-dipendenza tal-funzjoni mimetika tat-test fuq l-aġenda politika oskurat u ssimplifikat sew il-kunċett imħaddan ta' xogħol artistiku. L-idea li għan il-kittieb hu li jaqbad fedelment ir-realtà ta' barra u fir-rappreżentazzjoni tiegħu jissieħeb fl-impenn mal-politiku fl-aġenda politika tal-mument biegħdet lill-awtur Malti mill-kreattività artistika u qarrbitu aktar u aktar lejn it-teknika kruda tal-ġurnalista.

Għaldaqstant, m'għandha tkun l-ebda sorpriża li l-waqtiet l-aktar interessanti fl-istorja tar-rumanz Malti huma reġistrati fil-perijodu ta' wara l-Indipendenza, meta l-awtur lokali daħal biex jesplora t-territorju personali mterraq diġà fl-aħjar poeżija Maltija. Jew inkella f' dawk il-mumenti rari fejn minkejja l-impenn politiku sfiq l-awtur irnexxielu jisboq il-limiti billi jkun kreattiv xorta waħda, bħalma għamel Ġwann Mamo fil-kapolavur żgħir tiegħu *Ulied in-nanna Venut fl-Amerka.*

F'dan il-kuntest jinftiehem aħjar is-sehem ta' Frans Sammut, li bil-mod kif irnexxielu jġedded il-forma tar-rumanz l-aktar permezz tat-tħaddim ta' strateġiji narrattivi ħafna drabi ġodda għat-tradizzjoni Maltija jiddistingwi ruħu fost il-kontributuri ewlenin li taw direzzjoni differenti lir-rumanz Malti.[2] Dan l-esej jiffoka fuq kif Sammut f' Samuraj irnexxielu juri kif il-limiti imposti mir-rumanz tradizzjonali jistgħu jingħelbu, u dak li hu provinċjali jsib biżżejjed wisa' biex jinbidel f'viżjoni universali.

## *It-tisrif tar-realtà provinċjali f'lingwaġġ universali*

Is-sekwenza li tiftaħ ir-rakkont, fejn in-narratur jieħu lill-qarrej fir-razzett ta' Samwel u jagħtih deskrizzjoni dettaljata kemm tal-madwar kif ukoll tal-protagonista jsewwi l-ħnieżer ma tistax ma tfakkarx fir-rumanzi realistiċi Maltin. L-enfasi xi kultant fitta fuq l-għoti ta' dettalji ta' oġġetti li jimlew l-ispazju narrattiv tkompli sseddaq din l-idea. Tista' faċilment tagħti l-impressjoni li d-dettalji u d-deskrizzjonijiet realistiċi qegħdin jaqdu biss il-funzjoni tar-realiżmu mimetiku, f'dan il-każ li tibda tissawwar dinja li l-qarrej lokali jidentifika ruħu magħha.

Din l-interpretazzjoni tibda titlef mill-veraċità tagħha hekk kif il-qarrej attent jibda jintebaħ li għan l-awtur mhux sempliċiment li jinqeda bil-kelma biex isservih ta' mera li tirrifletti fedelment ir-realtà extra-testwali. Fl-istess waqt li l-awtur jikkonferma t-teżi li xogħol artistiku ma jistax ma jkunx il-frott tal-mikrokożmu mnissel minnu, jgħaddi biex juri li din il-verità mhux neċessarjament tillimita t-test għall-konfini ġeografici li jappartjeni għalihom. It-twaħħid tal-funzjoni mimetika mal-potenzjal figurattiv li għandha l-kelma hu determinanti biex ir-realtà rappreżentata tissarraf f'sensiela ta'

simboli li miġburin flimkien jiffurmaw it-temi trattati f'*Samuraj*, li huma l-passaport li bih l-awtur jipparteċipa fit-tradizzjoni tant sinjura tal-viżjoni traġika tal-ħajja.

Fid-dinja li jibda joħloq bil-mod il-mod Sammut f'*Samuraj* l-eżistenza umana tissarraf f'esperjenza assurda, għax minkejja li tiġġarrab b'sofferenza li ma taqta' xejn hi ddestinata biex fl-aħħar tiġġarraf. L-ewwel pass f'din id-direzzjoni jittieħed billi l-ħajja titpinġa bħala saħta, minflok don, mixħuta fuq l-iżvinturat. Fir-rumanz ta' Sammut ix-xorti ħażina tmiss inevitabbilment l-aktar lil Samwel, kif ukoll liż-żewġ karattri li jipprova jinkludihom fid-dinja tiegħu, jiġifieri Xandru l-Poeta u l-maħbuba tiegħu Żabbett[3]. L-awtur sa mill-bidu tar-rakkont jagħraf jibdel is-sofferenza f'kundanna permezz tal-motiv ta' l-illeġittimità tal-protagonista, li m'għandu l-ebda ħtija għal dak kollu li jgħaddi minnu ladarba s-sors ewlieni għat-tbatija kollha mġarrba għandu l-għeruq tiegħu qabel ma twieled Samwel. Mhux biss ikollu jpatti qares għad-dnub li m'għamilx, iżda hu wkoll ikkundannat li jibqa' jġorr is-salib għal ħajtu kollha sa minn ċkunitu, bla ebda ħjiel ta' mistrieħ. Hawnhekk Sammut jindika l-kapaċità tiegħu li jilgħab bil-lingwa fil-mod kif jisfrutta d-derivazzjoni semantika ta' "tqala" minn "toqol" biex minbarra li permezz tal-metafora jevoka t-tema tal-ħajja bħala font ta' uġigħ, jimla r-rakkont b'varjazzjonijiet mibnija fuqha biex it-turment imġarrab jibqa' jidwi tul il-ġrajja kollha. Għalhekk insibu "t-toqol tal-ħati li jibqa' ħieles" (p.2), "salibu" (pp.21,24, u 44), "it-toqol tal-kaptelli"(p.32), "dik it-tqala twila li m'hemmx li teħles" (p.43), "torri mtaqqal" (p.49). "it-toqol ta' ġismu" (p.68), "toqol tal-mibegħda" (p.103), u "it-tokki tqal" (p.139).

Element importanti fil-ġrajja li fir-rabta li għandu mal-motiv ta' l-illeġittimità jkompli jseddaq it-tema prinċipali tar-rumanz huwa d-dabra jew ħżieża wara widnet Samwel. L-implikazzjoni li t-tebgħa ta' fuq ġismu ntirtet minn dak ir-raġel li tah il-ħajja sservi biex il-passat jibqa' jdellel fil-preżent, u għalhekk tibqa' tittormentah billi tfakkru fil-bidu mtebba' tiegħu hekk kif kull darba ż-żmien jibda b'xi mod inessi :

> Għadda idu l-leminija minn fuq ħaddejh tax-xellug u ħass il-ponot irqaq irqaq donnhom irjus tal-labar imgeddsin ħdejn xulxin f'ċirku aħmar. Il-misħuta

Il-Kritika Letterarja

ħżieża li kienet issalbu kienet neħħietlu kull ħjiel ta' xewqa li jissieħeb mal-jum... (p.2)

Il-letarġija li taqbad lil Samwel ma' l-għarfien li ma jista' jagħmel xejn biex ibiddel id-destin kiefer li wiret[4] tiegħu forma fid-deskrizzjoni tar-razzett u tar-raba' li jdawruh, li għalhekk jinbidel f' mera ta' ruħ il-protagonista. Għalkemm il-ħamrija tiegħu "kienet għammiela, [...] l-aħħar wieħed li ħadimha kien missier missieru. Issa kienet il-ħakma tal-ħurrieq, karfus il-ħmir u l-ħaxixa ingliża" (p.53). Ix-xewqa tiegħu hi li jibda jirranġa, iżda ma jsibx il-ħeġġa meħtieġa biex jibda.

Il-problema titwessa' fid-dimensjoni tagħha u tkompli żżid fit-turment imġarrab hekk kif ma tibqax biss sigriet magħluq bejn l-erba' ħitan tal-kuxjenza tal-protagonista, u ssir għarfien li għandu biċċa minnu kulħadd. L-illeġittimità tiegħu xejra ta' stigma soċjali, u l-kuntatt ta' Samwel ma' dawk li jafu r-raġuni tal-weġgħa tiegħu jinbidel f'persekuzzjoni li ma tħallihx bi kwietu:

> Beneditt, għad li fommu mitbuq u jżomm kollox mistur ġo fih kien jafha l-ġrajja ta' missieru, kien jaf l-imgħoddi tiegħu mqar qabel il-bidu. Dik il-ħarsa mxajtna f'għajnejh kienet turih li Beneditt jaf kollox dwaru u dwar nislu [...] Bniedem bħal dan isir donnu l-kuxjenza tiegħek, ħaseb Samwel, kuxjenza siekta, qarrieqa, imma xorta kuxjenza li ma jaħarbilha xejn. (p.56)

F'dan il-kuntest Sammut jerġa' jinqeda bid-dabra din id-darba biex isaħħaħ l-impatt negattiv tas-soċjetà fuq Samwel, billi jagħmilha fattur komuni biex jinġibed paralleliżmu bejn il-kundizzjoni eżistenzjali tal-protagonista u l-imġiddmin tal-Vanġelu. Għaldaqstant, fil-lezzjoni moqrija tkompli tisseddaq il-kundanna tal-bqija tar-raħal fuq Samwel, bid-destin kiefer li ġġib magħha:

> Min ikollu fil-ġilda ta' ġismu xi nuffata jew qxur jew dabra tleqq li ġġagħlek taħseb li għandu l-ġdiem, dan jinġieb quddiem Aron il-qassis jew quddiem wieħed minn uliedu l-qassisin [...] U bi mniġġes iżommuh sa ma tibqa' fuqu l-marda; ikollu joqgħod għalih waħdu u jgħammar 'il bogħod min-nies. (p.105)

Il-persekuzzjoni kontinwa tan-nies hi determinanti biex l-ambjent jittrasforma ruħu f'gaġġa li l-ħadid tagħha l-ħin kollu jagħfas fuq il-protagonista. L-effett ta' dak li l-awtur f'intervista jirreferi għalih bħala l-problema tat-tnaqqir ta' "l-elbowroom"[5] hu raffigurat f'*Samuraj* b'żewġ modi li jikkontribwixxu biex tinħoloq l-istess atmosfera: fuq naħa l-ossessjoni tan-narratur li tul il-medda tar-rakkont jagħti l-qisien ta' l-oġġetti li jkun qiegħed jagħmel referenza għalihom, li tissuġġerixxi n-nuqqas ta' spazju mġarrab anki min-narratur fit-tielet persuna li qiegħed jirrakkonta, u fuq l-oħra l-użu tal-metafora u t-tixbiha li tibdel il-funzjoni tad-deskrizzjoni mil-litterali għall-figurattiv, biex jinħareġ is-sens ta' soffokazzjoni kif implikat f'din is-silta:

> It-triq kienet tidjieq għal għonq ta' flixkun. Tiftaħ dirgħajk beraħ, kont tmiss mal-ħitan qodma melħin tal-ġnub. (p.10)

Minħabba l-qilla tal-kundanna li l-protagonista jkollu jġorr fuq rasu kull fejn imur, hu jfittex li jevita kemm jista' l-kuntatt mal-folla. Bil-għan li jkun jista' jiżviluppa t-tema tat-twarrib soċjali, l-awtur jinqeda bid-dimensjoni temporali u spazjali biex jaqsam lid-dinja mistħajla tar-rakkont fi tnejn: il-parti li fiha Samwel ma jħossux liberu, u dik imfittxa b'ħerqa minnu fejn ikun jista' jieħu nifs mingħajr ma jġarrab il-qilla tan-nies. Kemm is-skiet, bħala l-oppost tal-kliem li jlissen il-kundanna, kif ukoll id-dlam jagħmlu l-lejl ideali sabiex il-protagonista jħossu b' xi mod protett u jista' jistrieħ xi ftit:

> Allaħares ma hemmx il-lejl, u l-kutra sewda li tinżel fuq wiċċ id-dinja. Allaħares ix-xemx kellha s-setgħa tibqa' ddawwal il-għeruq imqaxqxa ta' dar-raħal. Allaħares ma hemmx quddiemi dawn il-ftit sigħat, jaħasra kemm huma ftit, sabiex ġismi jistrieħ u moħħi magħsur jistejqer, u widnejja jittarrxu għat-tambir ta' barra u għajnejja ma jibqgħux jitgħammxu quddiem il-leqqa ta' dak li seħħ u ... se jseħħ? (p.23)

Għalhekk ma setax jonqos li Samwel jiġġiegħel ifittex il-mumenti notturni biex fihom jiltaqa' mal-maħbuba tiegħu:

Imma mbagħad il-laqgħat ta' sikwit, fil-ħemda tal-ljieli, nessewh l-ewwel waqtiet jaħarqu ta' dawk il-laqgħat bil-ħatfa. (p.10)

Il-postijiet diżabitati fil-periferija li jiffrekwenta l-protagonista ma jservux biss ta' kenn min-nies, iżda fil-kuntrast li jinħoloq bejnhom u bejn iċ-ċentru tar-raħal l-ambjent jitgħabba b' implikazzjonijiet morali, biex huma wkoll jipparteċipaw fit-tema tad-duwaliżmu bejn il-valuri opposti. Imkejjen imħollija kif ħalliethom in-natura, ladarba m'humiex imħassra minn id il-bniedem, joffru l-qagħda mixtieqa fejn min il-valuri tiegħu għadhom m'humiex ikkontaminati jsib l-ambjent fertili fejn jiżviluppa moralment. Għal din ir-raġuni Samwel seta' joħlom il-ħolma tiegħu fir-razzett li jinsab fil-periferija u mhux fid-dar li tinsab fiċ-ċentru tar-raħal (p.70), u l-poeta jistqarr ma' Samwel li jeħtieġlu jfittex l-imwarrab biex jikteb il-poeżija (p.126). Għaldaqstant, ir-relazzjoni li jibda jibni Samwel ma tistax ma tixxettilx fil-paesaġġ naturali (minbarra fl-ispazji l-aktar intimi), 'il bogħod mis-saħta u t-tħassir taċ-ċiviltà.

Bil-għan li jenfasizza kemm il-bniedem m'għandux kontroll fuq iċ-ċirkustanzi li jiddeterminawlu ħajtu, Sammut jinqeda bl-elementi tan-natura biex jagħmel minnhom aġenti tad-destin[6] kiefer li jippersegwita lill-protagonista tar-rumanz. Il-mod kif jiġru l-affarijiet ma jistax ma jdaħħalx is-suspett li hemm qawwa barranija aqwa mill-kapaċità umana li l-ħin kollu, minn wara l-kwinti, donnha tilgħab b'ħajjet Samwel, logħba li tirrendi s-suġġett milgħub vittma għax kollox jiġi kkonsidrat ħlief l-interessi tiegħu. F'*Samuraj*, ix-xita f'żewġ okkażjonijiet tibdel il-kors ta' kif jiżvolġu l-ġrajjiet b'tali mod li l-affarijiet mhux biss ikollhom jibdlu d-direzzjoni, talli jmorru fin-naħa fejn il-protagonista ma jkunx iridhom li jmorru. Fl-ewwel istant, bit-tqattir tax-xita Samwel iħoss ruħu kostrett jiddeċiedi jagħmel dak li hu u Żabbett kienu tant ilhom jibżgħu li jagħmlu minħabba lsien in-nies:

"Nieżla x-xita", qaltlu.
"Ili li għidtlek", weġibha, "imma int donnok ma smajtnix".
"Fejn se nistkennu?"
"Ikollna nidħlu taħt is-saqaf tar-remissa l-miftuħa",

> weġibha, u telqu minnufih lejn l-għorof tar-razzett.(p.73)

Kien inevitabbli għalhekk li d-dewmien barra jqanqal is-suspett f'moħħ omm Żabbett. L-ammissjoni tal-bint tad-dħul tagħhom fi spazju li kien ipprojbit li jidħlu fih, ladarba kienu għadhom m'humiex miżżewġin, tispiċċa għalhekk fi ġlieda kerha bejn il-ġenituri u binthom, li l-effett tagħha jwassal biex tibda tinbena l-ħerqa f' moħħ Żabbett li titlaq mid-dar u tmur toqgħod ma' Samwel.

It-tieni istant, li barra milli hu marbut ma' l-ewwel wieħed għandu importanza strateġika akbar fl-iżvolġiment ta' l-istorja, fih l-istess element jerġa' jkun determinanti billi għal darba oħra jbiddel il-kors ta' l-affarijiet minn kif ikunu pjanati. Fil-ħarba tagħha mid-dar ta' ommha u missierha għal għand Samwel Żabbett tieħu riħ minħabba x-xita u l-bard li jkunu neżlin dak il-ħin, li jwassal biex il-ħolma ta' Samwel tisfaxxa fix-xejn hekk kif ir-razzett tiegħu jiġi invadut mir-rappreżentanti tar-raħal li tant jistmerr. Il-fatt li l-bard jissieħeb max-xita biex flimkien iqabbdu r-riħ lil Żabbett, id-debbolizza li tagħmel lil Żabbett aktar suxxettibbli li tieħu riħ, u l-fatt mhux tas-soltu li Samwel ma kienx id-dar isaħħu s-suspett li xejn ma jkun qiegħed jiġri b'kumbinazzjoni:

> Qabel telqet ma kienet kielet xejn u l-bard beda jagħmel tiegħu. Biex tagħqad bdiet traxxax ix-xita u qabadha ferħ ta' ġenn. Għamlet is-sorra ħwejjeġ fuq rasha biex tilqa' ruħha mill-qtar u għal ftit ma waqqgħethomx bl-iskoss li tat xħin għattset darba darbtejn. Imma fejn hu Samwel? Iva l-lejla kellu jiddawwar? (p.135)

Iffaċċjat b'din is-sitwazzjoni, Samwel ma setax ma jħossux sfurzat jagħmel dak li kien jaf minn qabel li ma kellux jagħmel:

> Fejn qatt basar li l-affarijiet kellhom jispiċċaw hekk? [...] Ma kienx il-pjan tiegħu li jagħmel dan. Anzi dik kienet il-ħaġa waħdanija li ma riedx jagħmel. (p.145)

B'dan is-sens ta' fataliżmu mdendel fuq rasu Samwel jibda bil-mod il-mod dieħel fil-mudell l-aktar tipiku tal-protagonista traġiku,

li kif jiddeskrivih Thomas Pavel "jew m'għandu l-ebda għażla possibbli ta' liema azzjoni jagħżel, jew inkella għandu biss għażla illużorja".[7] Biex ix-xogħol jikkwalifika b'mod sħiħ fil-ġeneru mixtieq Sammut ħtieġlu jissodisfa qabel xejn kriterju fundamentali li mingħajru kull traġedja tinħass li għandha xi ħaġa importanti nieqsa. Il-komponent li kien jonqos huwa l-motiv tal-waqgħa, li r-rumanzier għalhekk jipprepara għalih billi joħloq iċ-ċans ta' l-għażla lill-protagonista biex jinfeda. Iżda l-fidwa f'*Samuraj* hi biss illużorja, għaliex id-dawl mixħut fid-dinja mdallma tar-rumanz kien maħsub li jintefa sa minn qabel. Dan l-awtur jagħmlu permezz ta' motivi li fir-rakkont jirrendu l-ħelsien ta' Samwel fallimentari sa mill-bidu. L-iskop ta' l-awtur meta tella' lill-protagonista lejn għoli li jistordi kien biss biex fid-dagħbien li jissawwar il-waqgħa tinħass aktar,[8] u bħalma kull min jitgħammex bid-dawl id-dlam jidhirlu aktar imdallam, il-viżjoni diġà sewda tad-dinja tar-rumanz tkompli tissewwed aktar minn qatt qabel.

It-tema paradossali tal-provvidenza fatali tisponta u tiżviluppa l-aktar fit-tlaqqigħ ta' Samwel mal-Poeta. Kienu diversi l-kritiċi li ġġudikaw ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ karattri bħala "pożittiva",[9] bil-wieħed iservi tas-"sieħeb ideali"[10] għall-ieħor. Fil-fatt hemm ħafna aktar minn ftit verità f'din il-konklużjoni: ir-rieda u l-kapaċità taż-żewġ naħat li jifhmu l-ħsus l-aktar ġewwiena ta' xulxin, tiftaħ il-possibbiltà li t-tnejn li huma jsibu ma' min jaqsmu ftit mit-tbatija mġarrba tal-ħajja. Iżda Sammut jixħet id-dubju fuq din ir-relazzjoni, biex it-tema tal-ħajja titwaħħad mat-tema tal-mewt. Dan jagħmlu billi jinqeda bl-element tar-riħ, sa mill-ewwel kuntatt ta' Xandru ma' Samwel, bħala l-aġent ta' forzi misterjużi li jġib miegħu l-poeta:

> [...] xagħru mqanfed jitħabbel bir-riħ kiesaħ li qam mill-Punent (p.47).[11]

Bħalma r-riħ li jqum mill-Punent iġib miegħu kemm il-"messaġġier tat-Tama" kif ukoll il-mewt fil-poeżija ta' Emily Brontë,[12] ladarba jsib il-qawmien tiegħu minn fejn tinżel biex tmut ix-xemx, hekk ukoll il-provvidenzjali jinbidel f'saħta f'*Samuraj*. Żgur li mhux b' kumbinazzjoni, għalhekk, li ftit qabel ma jqum ir-riħ il-poeta jsejjaħ lil Samwel b' dik li eventwalment kellha tieħu l-forma tal-kundanna profetika:

"Narak għaddej ma tkellem lil ħadd, nisthajlek xi sinjur ta' dari, xi baruni, xi markiż, inkella ... xi Samuraj! ħa! Tajba din, Samwel is-Samuraj! Togħġbok?" (p.46)

Il-motiv tal-profetiku, li ladarba jimplika li kollox hu predeterminat iseddaq it-teżi li l-bniedem ma jista' jagħmel xejn biex ibiddel id-destin tiegħu li jiġġarraf, iserrep tul ir-rakkont biex jenfasizza l-viżjoni traġika tal-ħajja fix-xogħol ta' Sammut. Xandru stess jikkonferma f'mument minnhom id-dispożizzjoni profetika li jippossedi:

"Naf, naf li mhux jien biss - iħossuhom oħrajn, imma jien, jien għandi s-setgħa li nagħti x-xbihat lil dak li nħoss fil-ġewwieni tiegħi... bħall-profeti" (p.127).

Għaldaqstant jekk il-Poeta kapaċi jaqra ruħ Samwel (Ara p.54), il-lemħa tal-mus mill-istess protagonista eżatt wara d-deskrizzjoni tas-suwiċidju tas-samuraj Ġappuniż ma tistax ma tiġix interpretata, kif jagħmel Oliver Friggieri,[13] bħala t-tħabbira tas-suwiċidju ta' Samwel. Wieħed ma jistax ma jinnotax ukoll kif il-Poeta jirnexxilu jħabbar in-natura tat-tmiem traġiku kemm tiegħu kif ukoll ta' sieħbu f'żewġ istanti separati minn xulxin, permezz tal-kulur ta' l-ilbies li jxidd. Ftit qabel il-mument li fih il-protagonista jħoss li ħolmtu ntemmet Xandru jfiġġ liebes "qmis ħamra tgħajjat" (p.151) - simbolu tad-demm - li għax fuqha hemm milbus ukoll "barbazzal kollu għadam tal-mewt" ma tħalli lok ghal ebda interpretazzjoni oħra ħlief bħala tħabbira tal-mewta mdemma li kienet miktuba għal Samwel. Fit-tieni istant, il-kulur tal-libsa f'p.153 ma jistax ma jfakkarx fil-mewta simbolika tiegħu stess, billi l-kulur iswed isir jissimbolizza t-tifi tal-kuluri minn fuq dahar il-farfett - simbolu tal-libertà- li kien jgħid li hu, hekk kif l-infermiera jniggżuh bil-labra biex il-libertà kollha tisfuma fix-xejn. Is-simboliżmu mibni jitkompla bil-kulur iswed tal-karozza li fiha jittieħed il-Poeta nofsu mejjet (p.156).

Sehem il-Poeta fl-iżvilupp tal-ġrajja jmur lilhinn minn sempliċi messaġġier li jħabbar l-aħbar il-ħażina, għax fil-fatt għandu parti attiva fit-tfassil tad-dannazzjoni tal-protagonista tar-rumanz. Hekk kif ma' l-ewwel kuntatt bejn it-tnejn tibda tinbidel fehmtu dwar il-Poeta, Samwel bla ma jaf[14] jiddaħħal fi ħmar il-lejl li fih tinħolom u tibda tieħu s-sura (kif rappreżentata l-aktar permezz tat-

Il-Kritika Letterarja

trasformazzjoni li biha jibdel ir-razzett f'pp.90-93) il-ħolma li tibdillu d-destin ta' ħajtu. Illuppjat mis-seħer misterjuż ta' sieħbu, tant jinqata' mir-realtà li saħansitra jaqleb il-viżjoni tiegħu tal-ħajja ta' taħt fuq biex minn estrem imur għal ieħor, billi jbiddilha minn waħda sewda għal oħra fejn il-ħajja "tħajrek temmen fil-ħolqien" (p.89) mingħajr ebda ġustifikazzjoni soda. Għalhekk, fl-orġja ta' ġenn li kien jinsab fiha jikkommetti żewġ żbalji fatali: l-ewwelnett jikkonvinċi ruħu li issa "għandu r-riedni f'idejh" (p.119) u jista' jibda jfassal il-ġejjieni tiegħu, u agħar minn hekk jinħakem mill-illużjoni li fl-aħħar kien ħeles mill-passat ikrah darba għal dejjem:

> Mill-ħuġġieġa ta' ġo fih kienet ġejja s-saħħa li jħares lejn l-imgħoddi sielem u hieni. Issa kien telaq għal għonq it-triq waħdu, u ma kienx għadu ankrat mal-moll immuffat ta' tifkiriet koroh. (p.103)

Il-qofol tad-destin fatali li l-Poeta jdaħħal lil Samwel fih hu raffigurat bl-għoti tal-pjanta Ġappuniża, li fid-dawl tal-kultura orjentali evokata minħabba l-provenjenza tax-xitla tista' tiġi interpretata simbolikament biex tfisser ruħ il-protagonista.[15] Is-saħta mgħoddija tinqara fl-impossibbiltà li Samwel jirnexxilu jieħu ħsiebha u jżommha ħajja, u għalhekk il-falliment fil-kompitu mogħti lilu jimplika t-telfien ta' ruħu fil-waqgħa ta' kull ideal li seta' kellu l-protagonista. Minkejja t-twissija li tinżara' f'ħamrija fonda u tinżabar b' attenzjoni (p.146), il-*Lonicera nitida* (bħall-ħolma maħluma) qatt ma setgħet taqbad:

> "U bil-ħaqq, dik iż-żerriegħa li tajtni ma ħaditx", qallu qabel għalaq ix-xatba.(p.151)

L-impossibbiltà li l-pjanta tieħu r-ruħ hija enfasizzata minn Sammut permezz tal-varjazzjonijiet fuq it-tema ta' l-infertilità fin-natura li jidwu tul ir-rakkont kollu, bħall-inxufija, ix-xjuħija, u x-xrufija. Referenzi għat-tiswija tal-ħnieżer (pp.1-2), il-"ħmistax-il siġra taż-żebbuġ - ilkoll xjuħ u nixfin" (p.53), il-"barriera qadima, mitluqa" (p.53), "iz-zkuk xirfin tat-tina" (p.57), il-"quċċata fartasa" (p. 144), l-"art niexfa qoxqox" (p.146) u l-"għoljiet qargħin" (p.157) ma jistgħux ma joħolqux idea ta' art li xejn ma jirnexxilu jikber fiha.

Fuq livell ta' plott, il-ħolma ta' Samwel ma setgħetx titwettaq minħabba l-irbit li kien għad kellu mal-passat: il-konsegwenzi tal-wegħda li darba ħalef miegħu nnifsu "li ma jtennix l-għemil ta' dak il-bniedem bla qalb" (p.43) ma setgħux ma jerġgħux jitfaċċaw b' sabta ladarba ddeċieda li jorbot il-futur tiegħu ma' dak ta' mara. Għalhekk, mat-talba ta' Żabbett li "tarbija taf issewwi kollox" (p.145) Samwel jerġa' lura b'xokk mill-ħmar il-lejl li kien fih, u jirrealizza f'daqqa "l-periklu kollu li għaddej minnu" (p.145). Iżda dan kien tard wisq:

> Iż-żagħżugħ baqa' jħares itajjar ix-xrar minn għajnejh. Dawk l-għajnejn qabbduh il-bard lil Samwel. Kienu qishom ta' Dak li l-missjoni tal-Kappillan kienet li jiġġieled kontrieh. Messu ilu li ntebaħ. Dawk l-għajnejn kien ilu biex ixebbahhom ma' xi ħadd, imma l-lum intebaħ. (p.151)

Dlonk terġa' taqbdu l-letarġija (p.146), u għad-dabra ta' qabel li tfakkru fl-imgħoddi, issa kellu tnejn (p.160). U minflok il-pjanta miżrugħa kibret "siġra tixxeblek iddur bil-friegħi niggieża" (p.146) ma' ruħu.

Il-pessimiżmu filosofiku ta' Sammut f'*Samuraj* ikompli jissaħħaħ bl-attentat ta' l-awtur li jitfa' f'baħar ta' ambigwità l-att tas-suwiċidju li mad-daqqa t'għajn jidher erojku. Dan l-awtur iwettqu billi jixħet biżżejjed sinjali kontradittorji li meta jinqraw jitfgħu lill-qarrej f'dubju, billi jisforzawh jikkonkludi li l-att kien frott l-ideali li kien jemmen fihom Samwel daqs kemm fil-fatt seta' ma kienx. Fi kliem ieħor, għalkemm twemmin Samwel u l-mod ritwalistiku li bih jitwettaq l-att suwiċidali jintrabtu flimkien biex il-waħda tinħass it-tisdiqa ta' l-oħra,[16] ir-rieda tal-protagonista tiċċajpar mill-awtur billi jiġi ssuġġerit li l-mument deċiżiv twettaq f'waqt ta' ġenn tal-protagonista, u aktarx b' mod mekkanizzat.

L-intenzjoni tal-protagonista fil-mument tad-deċiżjoni hija fundamentali biex l-att tas-suwiċidju jitqies erojku. L-awtur idaħħal id-dubju dwar ir-rieda ta' Samwel billi l-mument kruċjali għar-rakkont jibnih b'tali mod li jġiegħel lill-qarrej jistaqsi jekk il-protagonista kienx konxju ta' x'kien qiegħed jagħmel ladarba ma kellux kontroll fuq is-sensi tiegħu, u kellu perċezzjoni tar-realtà



Il-Kritika Letterarja

tant żbaljata li spiċċa nqata' għal kollox minnha. Din it-teżi tkompli tissaħħaħ bl-enfasi fuq l-irrazzjonalità li Samwel kien fl-aħħar jiem beda jinħakem minnha, li mbagħad laħqet il-qofol tagħha aktar ma beda jersaq it-tmiem. Il-ferħ ta' ġenn li l-protagonista jinħakem minnu huwa msemmi darbtejn lejn tmiem ir-rumanz, bit-tieni referenza tiġi eżatt qabel jiddeċiedi li jibda jkisser l-għamara u jaħraq ir-razzett. Minkejja li hu kien jaf li ħadulu lil Żabbett darba għal dejjem, u għalhekk kollox kien spiċċa għalih, dak li n-narratur jirrakkonta li kien qiegħed jara u jħoss Samwel ma jikkorrispondix mar-realtà ta' barra. Minflok tinħoloq sitwazzjoni surreali li tikkonferma l-istat ta' ġenn li kien jinsab fih Samwel, fejn ir-realtà ta' barra sservi ta' spunt biex ilaħħam quddiem għajnejh ix-xewqat l-iżjed intimi tiegħu:

> Fuq ix-xellug tiegħu kien hemm Żabbett u fuq il-lemin dik il-mara li kien tant iħobb imma ħallieha għal ftit waħedha tterraq fl-isqaqien mudlama [... ] U mat-tifqigħat tal-murtali kien jara daqqa wiċċ Żabbett fis-sema u daqqa wiċċ il-mara niexfa u ħa kollox b' naturali. (p.161)

L-awtur jinqeda b'dettall ieħor biex ikompli jagħmilha diffiċli lill-qarrej jiddetermina jekk it-tmiem ta' ħajjet Samwel għandux jitqies b'att erojku biex hu jieħu l-mertu, jew jiġix interpretat bħala l-pass aħħari fit-twettiq tad-destin kiefer tal-protagonista. L-użu frekwenti tax-xafra fit-tiswija tal-ħnieżer iġiegħel lill-qarrej jissuspetta li fl-att tas-suwiċidju Samwel tħaddem fih mekkaniżmu b' mod awtomatiku, li għalhekk inaqqas mill-volontà tal-karattru fid-deċiżjoni mittieħda. Dan is-suspett jista' jissaħħaħ b'mument ieħor simili mir-rakkont - meta Samwel iħossu mhedded mill-preżenza tal-Kappillan fir-razzett tiegħu, "[...] idu marret waħedha għall-mus li kellu fil-but" (p.147). Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li Samwel ġarrab mument ieħor ta' ferħ ta' ġenn li fih xtaq ineħħi ħajtu b'idejh. Dan kollu jwassal biex jiġu mistoqsija diversi mistoqsijiet. Kemm il-fatt li għażel it-tgħalliq qabel ma ltaqa' mal-Poeta jista' jindika li r-ritwal li bih imut Samwel kien riżultat ta' l-impatt li ħalla fuqu sieħbu, u mhux frott l-ideal li jidher li għalih ried imut? U għandu jitqies bħala "ċerimonja reliġjuża li tagħlaq fażi sħiħa, ħajja ta' ideal li ma seħħx"[17], jew inkella fl-istat ta' ġenn li kien fih, bħalma ġara qabel, fittex sempliċiment li jistrieħ? Id-diffikoltà għall-qarrej li jwieġeb b'ċertezza dawn il-mistoqsijiet

jagħmlu l-protagonista ta' Sammut wieħed mill-aktar karattri kumplessi u interessanti fil-letteratura Maltija.

Għaldaqstant, is-serħan mal-mewt mit-tensjoni miġmugħa kemm tal-protagonista kif ukoll ta' l-elementi tan-natura, huwa l-konklużjoni li kien jixraq għall-viżjoni ta' l-assurdità ta' ħajjet il-bniedem li Sammut ried jirrappreżenta f'*Samuraj*:

> Issa kien hieni u kwiet. Ukoll id-dwawar ta' fuq wiċċu
> u ta' wara widintu kienu siktu.
> Is-sema ikħal biss kien jidher. U l-fewġa sħuna biss
> tinħass. Ix-xitwa kienet ilha li ntemmet.
> Kien dħul is-sajf. (p.163)



### *Noti*

1. Biex wieħed jinduna kemm ir-rumanz Malti baqa' lura, biżżejjed jagħti titwila, pereżempju, lejn l-iżviluppi radikali li kien għaddej minnhom ir-rumanz f'diversi pajjiżi Ewropej lejn il-bidu tas-seklu għoxrin, meta aħna konna għadna medhijin bir-rumanz storiku u realista.
2. Ara *Mudelli Narratoloġiċi fir-Rumanz Malti Modern*, teżi ta' l-M.A. ta' Stephen Bonanno.
3. Il-kundanna tal-Poeta tinqara f'deċiżjoni li hu ma kellu l-ebda sehem fiha - dik li jingħata l-isem ta' Xandru - għax il-ħtieġa psikoloġika li jikkomunika l-poeżija ma' xi ħadd ma tistax issib sfog ladarba ħadd ma jista' jifhmu. Żabbett ukoll bil-kundizzjoni fiżika tagħha jkollha tbati minħabba "t-tebgħa li wellduha biha" (p.132) : "[...] u ma ħassitx ħlief il-ħtija ta' dnub li ma wettqitx hi, u kellha titqanna u titwikka bit-toqol tiegħu fuq riġlejha dgħajfin għal dejjem" (p.131).
4. Il-libertà li suppost li jgawdi kull esseri uman fl-għażliet tiegħu skond il-viżjoni Kristjana xejn ma jinħassu fid-dinja ta' *Samuraj*, tant li l-bniedem hu ridott għal skjav ta' ċirkustanzi li m'għandu l-ebda kontroll fuqhom. Tant hu hekk li Samwel ma seta' jieħu l-ebda sehem fid-deċiżjoni l-aktar importanti li ddeterminatlu l-kors li kellha tieħu ħajtu. Il-mod li bih Żabbett titlaqqa' ma' Samwel, u Samwel jinġibed lejn il-Poeta jixhed ukoll in-nuqqas ta' volontà minn min jagħżel fl-għażla li jwettaq. Fl-ewwel każ il-mankament ta' Żabbett inaqqsilha sew miċ-ċans li tingħażel, kif moqri fi ħsus missierha: "Għaraf li bintu kellha bżonn min jiġborha u ma tantx kienet f'qagħda li tagħżel lil min trid hi" (p.79). Fit-tieni każ, il-forzi qawwijin misterjużi li jfasslu l-futur ta' l-individwu jidhru fil-mod li bih Samwel jinġibed b'"ġibda manjetika" (p.44) lejn għanjet il-Poeta, li mbagħad jiddeterminalu l-kors li tieħu ħajtu.
5. Frans Sammut, kif iċċitat f'intervista li għamillu Martin Debattista f'KullĦadd, 16 ta' April, 1995, p.13.
6. It-tema tad-destin tinbena tul il-medda tar-rakkont permezz ta' diversi referenzi, bħal "Iżda x-xorti laqqgħetu ma' dawk iż-żewġ boloh" (p.12), "id-destin kiefer li

twieled miegħu" (p.22), "ta' dak li seħħ u se jseħħ?" (p.23), "Kienet qisha ġrajja li ġa jaf it-tmiem tagħha" (p.89), "Ix-xorti tibda fil-ġuf u l-ġuf għalik kien kiefer u fassallek ġejjieni ħażin" (p.132).

7. Thomas Pavel, *Fictional Words* (Cambridge: Harvard University Press, 1986) p.134.
8. It-tema tal-waqgħa hi msaħħa fir-rakkont bit-twaqqigħ fiżiku tal-Poeta hekk kif tmiemu jkun qiegħed joqrob ukoll, għax eżatt wara jiġu għalih biex jiħduh 'l hemm, wisq probabbli lejn il-manikomju: "Jien il-farfett..." imma ma temmx kliemu għax ħassu nieżel 'l isfel maqtugħ fl-arja" (p.156)
9. Oliver Friggieri, *Saġġi Kritiċi* (A.C. Aquilina & Co., 1979), p.325.
10. Ibid., p.325
11. Il-motiv tar-riħ li jġib miegħu il-Poeta hu ripetut drabi oħra. Ara pereżempju p.125, "[...] instema' leħnu ġej fuq ir-riħ", u p.126 "'Kif?' reġa' staqsieh iż-żagħżugħ xagħru jtir fir-riħ. Ir-riħ kien qed jonfoħ lejn in-naħa ta' Samwel u kliemu ma kienx wassal sa ħdejh". (p.126)
12. *A messenger of hope, comes every night to me,*
    *And offers for short life, eternal liberty.*
    *He comes with western winds, with evening's wandering airs,*
    *With that clear dusk of heaven that brings the thickest stars.*
    *Winds take a pensive note, and stars a tender fire,*
    *And visions rise, and change, that kill me with desire.*
    *The Complete Poems of Emily Jane Bronte, p.238.*
13. Oliver Friggieri, op. cit., p.318.
14. Din hi murija, pereżempju, bl-inkomprensjoni sħiħa tiegħu għat-twissija fl-ewwel laqgħa tagħhom li "Misery acquaints a man with strange bedfellows" (p.45).
15. Dan għax il-Buddisti Żen ma jiddistingwux bejn il-bniedem u n-natura. Ara Paul Schrader, *Transcendental style in film: Ozu Bresson, Dryer.* (Cambridge: Cambridge University Press, 1972) p.94.
16. Bit-temma ta' dak kollu li kien ħolom, Samwel jagħżel li jieħu l-mewt, basta jibqa' jżomm il-ħalfa li kien ilu li ħalef. It-twettiq tas-suwiċidju f'ritwal reliġjuż jikkonferma apparentement il-valur traxxendentali li l-protagonista jgħabbi lill-att bih, l-aktar meta moqri fid-dawl ta' dak li Samwel kien jemmen fih: "U jekk hemm xi ħadd x'imkien, jaqbel miegħu u fit-tmiem jagħtih ir-rand ta' eroj li ma riedx inaqqas it-toqol tiegħu billi jgħaddi biċċa minnu lil ħaddieħor li qatt ma talabhulu iżda kellu jitwikka bih" (p. 44).
17. Oliver Friggieri, op. cit., 318.

### *Bibljografija*

**Bonanno, Stephen**. *Mudelli Narratoloġiċi fir-Rumanz Malti Modern.* Teżi għall-M.A., 1997.

**Debattista, Martin**. "Intervista lil Frans Sammut". *KullĦadd,* 16 ta' April, 1995, pp.13-15.



Il-Kritika Letterarja

**Friedman, Norman**. *Form and meaning in fiction.* Athens: University of Georgia Press, 1975.

**Friggieri, Oliver**. *Saġġi Kritiċi.* A.C. Aquilina & Co., 1979.

**Halperin, John**. Ed., *The theory of the novel: new essays.* London: Oxford University Press, 1974.

**Hatfield, C.W**. Ed., *The complete poems of Emily Jane Brontë.* New York: Columbia University Press, 1941.

**Pavel, Thomas G**. *Fictional Worlds.* Cambridge: Harvard University Press, 1986.

**Sammut, Frans**. *Samuraj.* Malta: Klabb Kotba Maltin, 1975.

**Schrader, Paul**. *Transcendental style in film: Ozu, Bresson, Dryer.* Cambridge: Cambridge University Press, 1972.